

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1034

tas-16 ta' Lulju 2018

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus), fir-rigward tal-abbozz ta' Deċiżjoni Nru x/xxxx ta' dak il-Kumitat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) ⁽¹⁾ (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-3 ta' Ottubru 2002 ⁽²⁾ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ⁽³⁾.
- (2) Skont il-punt (b) tal-Artikolu 24(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 23 tal-Ftehim (il-"Kumitat Konġunt") jemenda jew jadatta d-dokumenti ta' kontroll u l-mudelli l-oħra tad-dokumenti stabbiliti fl-Annessi għal dan il-Ftehim. Sabiex jinkorpora l-miżuri futuri meħuda fi ħdan l-Unjoni, u f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 24(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jemenda jew jadatta l-Anness 1 fir-rigward tal-kundizzjonijiet li japplikaw għall-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq, kif ukoll l-Anness 2 li jikkonċerna l-istandards tekniċi li japplikaw għax-xarabanks u l-kowċis. Skont il-punt (e) tal-Artikolu 24(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jemenda jew jadatta wkoll ir-rekwiżiti li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet soċjali.
- (3) L-aħħar aġġornament tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-Ftehim, li ġie introdott bid-Deċiżjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt ⁽⁴⁾, iqis l-atti tal-Unjoni adottati sal-aħħar tal-2009.
- (4) Il-Kumitat Konġunt irid jadotta Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li taġġorna l-Ftehim skont il-progress tekniku u leġislattiv, waqt il-laqgħat tiegħu fl-2018.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1146 ⁽⁵⁾ stabbilixxiet il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea rigward abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li jqis l-atti tal-Unjoni adottati sa tmiem l-2015.
- (6) Waqt in-negożjati mal-Partijiet Kontraenti ⁽⁶⁾ l-oħra tal-Ftehim, deher b'mod ċar li kien hemm bżonn li fit-test approvat mill-Kunsill jiġu introdotti xi emendi. Dawn, b'mod partikolari, kienu jirrigwardaw ir-relazzjoni bejn

⁽¹⁾ ĠUL 321, 26.11.2002, p. 13.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/917/KE tat-3 ta' Ottubru 2002 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interbus dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali tal-passiġġieri bil-coach u bix-xarabank (ĠUL 321, 26.11.2002, p. 11).

⁽³⁾ Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (ĠUL 321, 26.11.2002, p. 44).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank tal-11 ta' Novembru 2011 li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u li tadatta l-Anness 1 għall-Ftehim rigward il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-operaturi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri, l-Anness 2 għall-Ftehim li jikkonċerna l-istandards tekniċi li japplikaw għax-xarabankijiet u l-kowċijiet u r-rekwiżiti li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet soċjali msemmijin fl-Artikolu 8 tal-Ftehim (2012/25/UE) (ĠUL 8, 12.1.2012, p. 38).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1146 tas-27 ta' Ġunju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus), fir-rigward tal-abbozz ta' Deċiżjoni Nru 1/2016 ta' dak il-Kumitat (ĠUL 189, 14.7.2016, p. 48).

⁽⁶⁾ Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Interbus huma l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, ir-Repubblika tat-Turkija u l-Ukraina.

ir-regoli tal-Unjoni fir-rigward tat-takografu intelliġenti u l-Ftehim Ewropew dwar ix-xogħol tal-ekwipaġġi li jaħdmu fuq vetturi użati għat-trasport fuq it-toroq internazzjonali (AETR) u, fid-dawl tas-sitwazzjoni f'ċerti Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Interbus, perjodu tranżizzjonali rigward l-ammonti tal-kumpens stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

- (7) Huwa xieraq li d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1146 titħassar u li tiġi stabbilita pożizzjoni ġdida li trid tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, waqt il-laqgħat tiegħu fl-2018, billi d-Deċiżjoni li trid tiġi adottata minn dak il-Kumitat ser tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (8) Jenħtieġ għalhekk, li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt mill-2018 ikunu bbażati fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni waqt il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 23 tal-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1146 titħassar.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BOGNER-STRAUSS

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠUL 55, 28.2.2011, p. 1).

ABBOZZ

ID-DEĊIŻJONI Nru x/xxxx⁽¹⁾ TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT SKONT IL-FTEHIM DWAR IT-TRASPORT INTERNAZZJONALI OKKAŻJONALI TAL-PASSIĠĠIERI BIL-KOWĊ U BIX-XARABANK (IL-FTEHIM INTERBUS)

ta' [DAĦĦAL ID-DATA]

li tadatta l-Artikolu 8 tal-Ftehim u l-Annessi 1, 2, 3 u 5 għall-Ftehim, li tadatta l-“Mudell ta’ Dikjarazzjoni li trid issir mill-Partijiet Kontraenti għall-Interbus rigward l-Artikolu 4 u l-Anness 1”, li tintroduċi “Mudell ta’ Dikjarazzjoni mill-Partijiet Kontraenti Interbus rigward l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011”, u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta’ passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus)⁽²⁾, kif aġġornat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 1/2011⁽³⁾, u b’mod partikolari l-Artikolu 24 tal-Ftehim,

Billi:

- (1) L-Artikolu 23 tal-Ftehim Interbus (il-“Ftehim”) jistabbilixxi Kumitat Konġunt sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-Ftehim (il-“Kumitat Konġunt”).
- (2) Skont il-punt (b) tal-Artikolu 24(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jemenda jew jadatta d-dokumenti ta’ kontroll u l-mudelli l-oħra tad-dokumenti stabbiliti fl-Annessi għal dan il-Ftehim. Sabiex jinkorpora miżuri futuri meħuda fi ħdan l-Unjoni, u skont il-punt (c) tal-Artikolu 24(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jemenda jew jadatta l-Annessi li jikkonċernaw l-istandards tekniċi li japplikaw għax-xarabanks u għall-kowċis, kif ukoll l-Anness 1 fir-rigward tal-kondizzjonijiet li japplikaw għall-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq. Skont il-punt (e) tal-Artikolu 24(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jemenda jew jadatta wkoll ir-rekwiżiti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet soċjali. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt jaġixxi meta jkun hemm bżonn li l-Ftehim jiġi aġġornat biex jitqies il-progress tekniku u leġislativ.
- (3) L-aħħar aġġornament tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-Ftehim, li ġie introdott bid-Deċiżjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt, iqis l-atti tal-Unjoni adottati sal-aħħar tal-2009. Issa huwa l-mument xieraq għall-inkorporazzjoni tal-miżuri l-ġodda li l-Unjoni adottat minn dakinhar ’l hawn.
- (4) Ir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt⁽⁴⁾ tistabbilixxi rapport tekniku użat għall-kontrolli mal-ġenb tat-triq tal-kowċis u tax-xarabanks. Dan ir-rapport issa huwa antikwat, u għaldaqstant jenħtieġ li jitħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet soċjali msemmija fl-Artikolu 8 tal-Ftehim, il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq stabbiliti fl-Anness 1 għall-Ftehim, l-istandards tekniċi li japplikaw għax-xarabanks u għall-kowċis stabbiliti fl-Anness 2 għall-Ftehim, il-Mudell tad-dokument ta’ kontroll għal servizzi okkażjonali eżentati mill-awtorizzazzjoni stabbilita fl-Anness 3 għall-Ftehim u l-Mudell ta’ awtorizzazzjoni għal servizzi okkażjonali mhux liberalizzati stipulat fl-Anness 5 għall-Ftehim huma adattati skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, il-“Mudell ta’ Dikjarazzjoni li trid issir mill-Partijiet għall-Interbus rigward l-Artikolu 4 u l-Anness 1”, hija adattata skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni. Barra minn dan, “Mudell ta’ Dikjarazzjoni tal-Partijiet Kontraenti Interbus rigward l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011” jiżdied mal-Ftehim.

⁽¹⁾ In-numru u s-sena tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li jmiss huma ppreżentati bħala “x/xxxx”. Qabel, in-numru u s-sena kienu “1/2016”.

⁽²⁾ ĠUL 321, 26.11.2002, p. 13.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank tal-11 ta’ Novembru 2011 li tadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu u li tadatta l-Anness 1 għall-Ftehim rigward il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-operaturi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri, l-Anness 2 għall-Ftehim li jikkonċerna l-istandards tekniċi li japplikaw għax-xarabankijiet u l-kowċijiet u r-rekwiżiti li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet soċjali msemmin fl-Artikolu 8 tal-Ftehim (2012/25/UE) (ĠUL 8, 12.1.2012, p. 38).

⁽⁴⁾ Ir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank tal-11 ta’ Novembru 2011 li tikkonċerna l-użu ta’ rapport tekniku għall-kowċijiet u x-xarabankijiet bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1 u 2 tal-Anness 2 għall-Ftehim (ĠUL 8, 12.1.2012, p. 46).

Artikolu 2

(1) L-ehma għall-Ftehim Interbus, jiġifieri l-“Mudell ta’ dikjarazzjoni li għandha ssir mill-Partijiet Kontraenti tal-Interbus dwar l-Artikolu 4 u l-Anness 1” hija adattata u mpoġġija fl-Anness 6 l-ġdid għall-Ftehim Interbus.

(2) Anness ġdid jiżdied mal-Ftehim Interbus, kif ġej:

“ANNEX 6

Mudelli ta’ Dikjarazzjoni li għandha ssir mill-Partijiet Kontraenti tal-Interbus

Kondizzjonijiet li japplikaw għall-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq

DIKJARAZZJONI MINN (Isem il-Parti Kontraenti) DWAR L-ARTIKOLU 4 U L-ANNEX 1

L-erba’ kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Ottubru 2009 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta’ operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51):

(a) ġew introdotti fil-leġislazzjoni nazzjonali minn

..... (referenza għal-Liġi);

(b) ser jiġu introdotti fil-leġislazzjoni nazzjonali

..... (data).

Mudell ta’ Dikjarazzjoni tal-Partijiet Kontraenti Interbus rigward l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1)

(għandu jsir mhux aktar tard minn xahrejn wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru x/xxxx tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim Interbus)

DIKJARAZZJONI MINN (Isem il-Parti Kontraenti)

1. Sa fejn hu kkonċernat l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011, il-leġislazzjoni nazzjonali eżistenti tad-dikjarant tistabbilixxi l-limiti massimi li ġejjin għal kumpens għall-mewt, inklużi spejjeż raġonevoli tal-funeral, jew għal korrimment personali kif ukoll għal telf ta’ bagalji jew għal ħsara lill-bagalji minħabba aċċidenti li jirriżultaw mill-użu tax-xarabank jew tal-kowċ, ta’ mhux inqas minn:

— EUR (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali) għal kull passiġġier;

— EUR (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali) għal kull unità ta’ bagalji.

2. Il-leġislazzjoni eżistenti nazzjonali attwali tad-dikjarant tippredvi li, f’każ ta’ ħsara lil siġġu tar-roti, lil apparat ieħor għall-mobbiltà jew lil tagħmir ieħor ta’ assistenza, l-ammont ta’ kumpens huwa l-istess bħal dak tal-ispiża għas-sostituzzjoni jew għat-tiswija tal-apparat mitluf jew li tkun saritlu ħsara?

IVA LE

3. Huwa ppjanat li l-ammonti finanzjarji stipulati fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 181/2011 kif ukoll il-kumpens f’każ ta’ ħsara lil siġġu tar-roti, lil apparat ieħor għall-mobbiltà jew lil tagħmir ieħor ta’ assistenza ser jiġu adattati mid-dikjarant għar-rewiżiti tar-Regolament sa (id-data, ta’ mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru x/xxxx tal-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim Interbus jew, skont il-każ, mhux aktar tard minn tliet snin mid-data tar-ratiffika tal-Ftehim Interbus minn Parti Kontraenti ġdida).”

Artikolu 3

Ir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt titfassar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, [DAĦĦAL ID-DATA].

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

Is-Segretarju

ANNEX

Adattament tal-Artikolu 8 dwar id-dispożizzjonijiet soċjali, l-Anness 1 dwar il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-operaturi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri, l-Anness 2 dwar l-istandards tekniċi li japplikaw għax-xarabanks u għall-kowċis, l-Anness 3 dwar il-Mudell tad-dokument ta' kontroll għal servizzi okkażjonali eżentati mill-awtorizzazzjoni u l-Anness 5 dwar il-Mudell ta' Dikjarazzjoni għal servizzi okkażjonali mhux liberalizzati, l-adattament tal-“Mudell ta' Dikjarazzjoni li għandha ssir mill-Partijiet Kontraenti għall-Interbus rigward l-Artikolu 4 u l-Anness 1” kif ukoll l-introduzzjoni ta' “Mudell ta' Dikjarazzjoni tal-Partijiet Kontraenti Interbus rigward l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011”⁽¹⁾

(1) Fl-Artikolu 8 tal-Ftehim, il-lista tal-atti tal-Unjoni hija emendata kif ġej:

(a) ir-referenza għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 hija sostitwita b'dan li ġej:

“— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1161/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 19), li għandu japplika sakemm ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1) isir applikabbli.

Minflok ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85, jistgħu jiġu applikati regoli ekwivalenti tal-Ftehim AETR inklużi l-Protokollu tiegħu.”;

(b) jizded l-att tal-Unjoni li ġej:

“— Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1), li għandu japplika mid-data meta l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 46 tiegħu jsiru applikabbli.

Minflok ir-Regolament (UE) Nru 165/2014, jistgħu jiġu applikati r-regoli applikabbli tal-Ftehim AETR, inklużi l-Protokollu tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tal-Ftehim AETR.”.

(2) Fl-Anness 1 għall-Ftehim, il-lista tal-atti tal-Unjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

“Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1);

Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51), kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1);

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1);

Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

Matul perjodu tranżizzjonali ta' mhux aktar minn tliet snin mid-data tal-adozzjoni tad-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt Nru x/xxxx, kwalunkwe Parti Kontraenti għajr l-Unjoni Ewropea tista' tagħżel li minflok l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011 tapplika d-dispożizzjonijiet nazżjonali tagħha għall-kwistjonijiet koperti minn dak l-Artikolu. Sabiex Parti Kontraenti tibbenefika minn dan il-perjodu tranżizzjonali, għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt permezz tal-“Mudell ta' Dikjarazzjoni tal-Partijiet Kontraenti Interbus rigward l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011” stabbilit fl-Anness 6, mimli u ffirmat kif xieraq, fi żmien xahrejn mill-adozzjoni tad-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt Nru x/xxxx.”.

⁽¹⁾ L-adattament tal-atti jqis il-miżuri li-ġodda adottati mill-Unjoni Ewropea sal-31 ta' Diċembru 2015.

(3) L-Anness 2 għall-Ftehim huwa emendat kif ġej:

(a) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) testijiet tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom:

- Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51), li għandha tapplika mill-20 ta' Mejju 2018;
- Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134), li għandha tapplika mill-20 ta' Mejju 2018;”;

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) id-dimensjonijiet massimi u l-piżijiet massimi:

- Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva (UE) 2015/719 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 (ĠU L 115, 6.5.2015, p. 1);
- Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-mases u d-dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 353, 21.12.2012, p. 31);”;

(iii) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) it-tagħmir ta' reġistrazzjoni fit-trasport bit-triq:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1161/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 19) jew regoli ekwivalenti stabbiliti fil-Ftehim AETR inklużi l-Protokollu tiegħu, li għandhom japplikaw sakemm isir applikabbli r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

Minflok ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85, jistgħu jiġu applikati regoli ekwivalenti tal-Ftehim AETR inklużi l-Protokollu tiegħu;

- Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1), li għandu japplika mid-data meta l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 46 tiegħu jsiru applikabbli.

Minflok ir-Regolament (UE) Nru 165/2014, jistgħu jiġu applikati r-regoli applikabbli tal-Ftehim AETR, inklużi l-Protokollu tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tal-Ftehim AETR.”.

(b) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-intestaturi u r-referenzi bejn l-ewwel paragrafu u t-tabella huma sostitwiti b'dan li ġej:

“L-emissjonijiet tal-egżost:

- Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswiġa u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 459/2012 tad-29 ta' Mejju 2012, (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 16);

- Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 133/2014 tal-31 ta' Jannar 2014 (ĠU L 47, 18.2.2014, p. 1);

L-emissjonijiet tal-ħoss:

- Id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema tal-exhaust tal-vetturi bil-mutur (ĠU L 42, 23.2.1970, p. 16), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/15/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 172), li għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2027 skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014;
- Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131), li japplika, skont l-Artikolu 15 tiegħu, mill-1 ta' Lulju 2016, l-1 ta' Lulju 2019 u l-1 ta' Lulju 2027;

L-apparat tal-brejkijiet:

- Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

It-tajers:

- Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

L-apparat tad-dawl u tas-sinjali bid-dawl:

- Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

It-tankijiet tal-fjuwil:

- Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

Il-mirja retroviżuri:

- Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

Iċ-ċintorini tas-sigurtà — Installazzjoni:

- Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

Iċ-ċintorini tas-sigurtà — Ankraġġi għaċ-ċintorini tas-sigurtà:

- Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

Is-sits:

— Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

Il-kostruzzjoni interna (prevenzjoni tar-riskju tat-tixrid tan-nar):

— Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

Arranġament intern (il-ħruġ ta' emerġenza, l-aċċessibbiltà, id-dimensjoni tas-sits, ir-reżistenza tas-sovrastuttura, eċċ.):

— Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

Sistemi avvanzati għall-ibbrejkjar ta' emerġenza:

— Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 347/2012 tas-16 ta' April 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' sistemi avvanzati għal ibbrejkjar f'emerġenza (ĠU L 109, 21.4.2012, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/562 tat-8 ta' April 2015 (ĠU L 93, 9.4.2015, p. 35);

Sistema ta' twissija ta' ħruġ mill-karreġġata:

— Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3);

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 351/2012 tat-23 ta' April 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-installazzjoni ta' sistemi ta' indikazzjoni ta' ħruġ mill-karreġġata f'vetturi bil-mutur (ĠU L 110, 24.4.2012, p. 18).”;

(ii) it-tabella hija sostitwita bit-tabella li ġejja:

“Intestatura	Regolament NU-KEE (il-verżjoni l-aktar reċenti applikabbli tagħha)	Att tal-Unjoni
Emissjonijiet tal-egżost	49	Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) Nru 459/2012. Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) Nru 133/2014.
L-emissjonijiet tal-ħoss	51	Id-Direttiva 70/157/KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/15/UE, li tibqa' tapplika sat-30 ta' Ġunju 2027 skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 540/2014; Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014, li f'konformità mal-Artikolu 15 tiegħu japplika mill-1 ta' Lulju 2016, l-1 ta' Lulju 2019 u l-1 ta' Lulju 2027.
Apparat tal-ibbrejkjar	13	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166.

Intestatura	Regolament NU-KEE (il-verzjoni l-aktar reċenti applikabbli tagħha)	Att tal-Unjoni
Tajers	54 117	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166.
Tidwil u l-apparat għas-sinjalar bid-dawl	48	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166.
Tankijiet tal-fjuwil	34 58	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166.
Mirja retroviżuri	46	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166.
Ċintorini tas-sigurtà — Installazzjoni	16	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166.
Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sigurtà	14	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166.
Sits	17	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166.
Kostruzzjoni interna (prevenzjoni tar-riskju ta' tixrid tan-nar)	118	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166.
Kif inhuma rranġati fuq ġewwa (il-ħruġ ta' emerġenza, l-aċċessibbiltà, id-dimensjoni tas-sits, ir-reżistenza tas-sovrastruttura, eċċ.)	66 107	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166.
Sistemi avvanzati għall-ibbrejjar ta' emerġenza	131	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 347/2012, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/562.
Sistema ta' twissija ta' ħruġ mill-karreġġata	130	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/166; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 351/2012.

(4) Fl-Anness 3 għall-Ftehim, it-test tan-nota fqiegħ il-paġna huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Albanija (AL), l-Awstrija (A), il-Belġju (B), il-Bożnija-Herzegovina (BIH), il-Bulgarija (BG), Ċipru (CY), id-Danimarka (DK), l-Estonja (EST), il-Finlandja (FIN), Franza (F), il-Ġermanja (D), il-Greċja (GR), l-Irlanda (IRL), l-Italja (I), l-Iżvezja (S), il-Kroazja (HR), il-Latvja (LV), il-Litwanja (LT), il-Lussemburgu (L), l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (MK), Malta (MT), ir-Repubblika tal-Moldova (MD), il-Montenegro (ME), in-Netherlands (NL), il-Polonja (PL), il-Portugall (P), ir-Renju Unit (UK), ir-Repubblika Ċeka (CZ), ir-Repubblika Slovakka (SK), ir-Rumanija (RO), is-Slovenja (SLO), Spanja (E), it-Turkija (TR), l-Ukrajna (UA), l-Ungerija (H), iridu jimtlew."

(5) Fl-Anness 5 tal-Ftehim, it-test tan-nota fqiegħ il-paġna huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Albanija (AL), l-Awstrija (A), il-Belġju (B), il-Bożnija-Herzegovina (BIH), il-Bulgarija (BG), Ċipru (CY), id-Danimarka (DK), l-Estonja (EST), il-Finlandja (FIN), Franza (F), il-Ġermanja (D), il-Greċja (GR), l-Irlanda (IRL), l-Italja (I), l-Iżvezja (S), il-Kroazja (HR), il-Latvja (LV), il-Litwanja (LT), il-Lussemburgu (L), l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (MK), Malta (MT), ir-Repubblika tal-Moldova (MD), il-Montenegro (ME), in-Netherlands (NL), il-Polonja (PL), il-Portugall (P), ir-Renju Unit (UK), ir-Repubblika Ċeka (CZ), ir-Repubblika Slovakka (SK), ir-Rumanija (RO), is-Slovenja (SLO), Spanja (E), it-Turkija (TR), l-Ukrajna (UA), l-Ungerija (H), iridu jimtlew."

(6) Il-“Mudell ta’ Dikjarazzjoni li għandha ssir mill-Partijiet għall-Interbus rigward l-Artikolu 4 u l-Anness 1” mehmuż mal-Ftehim isir parti mill-Anness 6 l-ġdid tal-Ftehim, intitolat “Mudelli ta’ Dikjarazzjoni li għandha ssir mill-Partijiet Kontraenti tal-Interbus”. It-termini li jinsabu fih huma emendati kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1 in-numru tal-paragrafu jitħassar u l-frażi introdutturja hija sostitwita b’dan li ġej:

“L-erba’ kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Ottubru 2009 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta’ operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).”.

(b) il-paragrafu 2 jitħassar.

(7) Il-Mudell ta’ Dikjarazzjoni li ġej jizded mal-Anness 6 il-ġdid għall-Ftehim:

“Mudell ta’ Dikjarazzjoni tal-Partijiet Kontraenti Interbus rigward l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1)

(għandu jsir mhux aktar tard minn xahrejn wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru x/xxxx tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim Interbus)

DIKJARAZZJONI MINN (Isem il-Parti Kontraenti)

1. Sa fejn hu kkonċernat l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 181/2011, il-legislażzjoni nazzjonali eżistenti tad-dikjarant tistabbilixxi l-limiti massimi li ġejjin għal kumpens għall-mewt, inklużi spejjeż raġonevoli tal-funeral, jew għal korriment personali kif ukoll għal telf ta’ baġalji jew għal ħsara lill-baġalji minħabba aċċidenti li jirriżultaw mill-użu tax-xarabank jew tal-kowċ, ta’ mhux inqas minn:

— EUR (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali) għal kull passiġġier;

— EUR (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali) għal kull unità ta’ baġalji.

2. Il-legislażzjoni eżistenti nazzjonali attwali tad-dikjarant tipprevedi li, f’każ ta’ ħsara lil siġġu tar-roti, lil apparat ieħor għall-mobbiltà jew lil tagħmir ieħor ta’ assistenza, l-ammont ta’ kumpens huwa l-istess bħal dak tal-ispiża għas-sostituzzjoni jew għat-tiswija tal-apparat mitluf jew li tkun saritlu ħsara?

IVA LE

3. Huwa ppjanat li l-ammonti finanzjarji stipulati fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 181/2011 kif ukoll il-kumpens f’każ ta’ ħsara lil siġġu tar-roti, lil apparat ieħor għall-mobbiltà jew lil tagħmir ieħor ta’ assistenza, ser jiġu adattati mid-dikjarant għar-rekwiżiti tar-Regolament sa (id-data, ta’ mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru x/xxxx tal-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim Interbus jew, skont il-każ, mhux aktar tard minn tliet snin mid-data tar-ratifika tal-Ftehim Interbus minn Parti Kontraenti ġdida).”.